REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 531/2014

tat-12 ta' Marzu 2014

li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(3) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 jistipula li, f'tal-anqas kwart tal-Istati Membri, in-numru minimu ta' firmatarji ta' inizjattiva taċ-ċittadini għandu jkun jikkorrispondi man-numru ta' Membri tal-Parlament Ewropew eletti f'kull Stat Membru, multiplikat b'750. Dawk in-numri minimi huma stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament.

(2) Fit-28 ta' Ġunju 2013 il-Kunsill Ewropew adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2013/312/UE li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew. ([2]) Dik id-Deċiżjoni li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ġunju 2013, tiffissal-għadd ta' rappreżentanti fil-Parlament Ewropew eletti f'kull Stat Membru għal-leġiżlatura 2014-2019. Il-leġiżlatura 2014-2019 tibda fl-1 ta' Lulju 2014.

(3) L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 huwa sostitwit bl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa japplika mill-1 ta' Lulju 2014.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Marzu 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 65, 11.3.2011, p. 1.
([2]) ĠU L 181, 29.6.2013, p. 57.

ANNESSI

Numru minimu ta' firmatarji għal kull Stat Membru

Il-Belġju	15 750
Il-Bulgarija	12 750
Ir-Repubblika Ċeka	15 750
Id-Danimarka	9 750
Il-Ġermanja	72 000
L-Estonja	4 500
L-Irlanda	8 250
Il-Greċja	15 750
Spanja	40 500
Franza	55 500
Il-Kroazja	8 250
L-Italja	54 750
Ċipru	4 500
Il-Latvja	6 000
Il-Litwanja	8 250
Il-Lussemburgu	4 500
L-Ungerija	15 750
Malta	4 500
Il-Pajjiżi l-Baxxi	19 500
L-Awstrija	13 500
Il-Polonja	38 250
Il-Portugall	15 750
Ir-Rumanija	24 000
Is-Slovenja	6 000
Is-Slovakkja	9 750
Il-Finlandja	9 750
L-Isvezja	15 000
Ir-Renju Unit	54 750